

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2011 — Paul Hartmann AG vs UASI Protecson (DIGNITUDE)**(Kawża T-504/11)**

(2011/C 340/60)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* Paul Hartmann AG (Heidenheim an der Brenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Protecson SAS (Valognes, Franza)**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-28 ta' Lulju 2011 fil-Każ R 1197/2010-4; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "DIGNITUDE" għal prodotti fil-klassijiet 5, 24 u 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7506025*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Ir-rikorrent*Trade mark jew sinjal invokat:* Reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7436603 tat-trade mark verbali "Dignity" għal prodotti fil-klassi 5; Trade mark Ġermaniża Nru 302008076849.5/05, tat-trade mark verbali "Dignity" għal prodotti fil-klassijiet 5 u 10*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni parzjalment miċħuda*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni żbaljata tal-probabbiltà ta' konfużjoni, b'mod partikolari tax-xebh ta' bejn il-prodotti.**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2011 — Makhlouf vs Il-Kunsill****(Kawża T-509/11)**

(2011/C 340/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Mohammad Makhlouf (Damas, is-Sirja) (rappreżentanti: C. Rygaert u G. Karouni, avukati)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/488/PESK, tal-1 ta' Awwissu 2011, li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja f'dak li jirrigwarda lil Mohammad (magħruf bħala Muhammad) Makhlouf;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż skont l-Artikoli 87 u 91 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

Motivi u argumenti prinċipaliInsostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-383/11, Makhlouf vs Il-Kunsill⁽¹⁾.⁽¹⁾ ĠU C 282, 24.9.2011, p. 30.**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2011 — Franza vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-511/11)**

(2011/C 340/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues, J. Gestalter u J. Rossi, aġenti)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Bir-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru C(2011) 4973 finali tat-13 ta' Lulju 2011 dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru C 46/2003 dwar il-kontribuzzjonijiet favur l-Association nationale interprofessionnelle du bétail et des viandes (Interbev). Il-Kummissjoni qieset li l-kontribuzzjonijiet volontarji magħmula obbligatorji, miġbura minn Interbev, jikkostitwixxu għaj-nuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi fejn l-ewwel wieħed huwa essenzjalment identiku jew simili għal dak invokat fil-kuntest tal-Kawża T-478/11, Franza vs Il-Kummissjoni.

It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur min-naħa tal-Kummissjoni tal-obbligu tagħha li tosserva terminu raġionevoli fit-tmexxija tal-proċedura amministrattiva.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2011 —
Il-Litwanija vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-368/07) ⁽¹⁾**

(2011/C 340/63)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 283, 24.11.2007.